FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

*SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

# GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 19 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1020/01 JB**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Rueben Bonnici**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas- socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' (Lm258.24c) mitejn u tmienja u hamsin liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmi, rappresentanti hlas ghal-servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni mal-"mobile phone" bin-numru 09448530.

Minkejja interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa inadempjenti.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont mitlub f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament, inkluzi l-ispejjes tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ra li l- konvenut baqa' ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr. Beppe Fenech Adami jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**